Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,296, 8 ta' Ottubru, 2002
Taqsima B

A.L. 296 ta' l-2002

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Ordni ta' l-2002 li jemenda l-Ordni Dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 33 (1), bl-artikolu 36 (6) u bl-artikolu 72 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali għamel l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2002 li jemenda l-Ordni dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali (Emenda Nru. 2) u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-2000 dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali''.

A.L. 32 ta' l-2000.

(2) Dan l-ordni jibda jseħħ fl-1 ta' Novembru, 2002.

Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

2. It-Tieni Skeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fit-Taqsima I tagħha minnufih wara l-kliem "Birkirkara," fl-ewwel kolonna intitolata "Kunsill Lokali" għandhom jidħlu l-kliem "Dingli," u minnufih wara l-kliem "8 ta' Marzu, 2000" fit-tieni kolonna intitolata "Data tad-Delega effettiva" għandhom jidħlu l-kliem "Dingli b'effett mill-ġdid mill-1 ta' Novembru, 2002"; u

(b) it-Taqsima II tagħha għandha titħassar.